MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1049/1994/1

Raymond u Helen konjugi Falzon

vs

Saviour Vella bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bathroom Styles Ltd.

Illum, 6 ta' Dicembru 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Lulju 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi huma xtraw minghand is-socjeta' konvenuta set tal-kamra tal-banju “Segesta”, komplut bl-accessorji, bil-prezz

ta’ elf lira maltin (Lm1,000), liema kamra tal-banju giet konsenjata f’Dicembru tal-1993.

Illi l-istess kamra tal-banju inbieghet mis-socjeta’ konvenuta bhala ta’ prima kwalita’.

Illi dan l-ahhar l-atturi intebhu li l-banju kien difettuz u ta’ kwalita’ inferjuri billi zviluppat fih buzzieqa tal-arja mnejn sussegwentement inqasam.

Illi l-konvenut nomine accetta r-responsabilita ghad-difett fil-banju u obbliga ruhu li jibdlu.

Illi wara dan, fit-18 ta’ Gunju 1994, l-atturi intebhu li kemm is-sink kemm it-toilet bowl kienu zviluppaw *hairline cracks* twal, liema difetti ma kienux jidhru meta saret il-konsenja.

Illi l-konvenut nomine qed jirrifjuta li jirrimedja.

talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi okkorrendo bl-operat ta’ periti nominandi illi s-sett tal-kamra tal-banju tal-marka Segesta bl-accessorji tieghu, mibjugh u konsenjat mill-konvenut nomine lill-atturi, kellu difetti latenti u konsegwentement mhux tajjeb ghall-uzu;

2. tiddikjara u tiddeciedi illi s-sett tal-kamra tal-banju hekk mibjugha u konsenjata lill-atturi mill-konvenut nomine ma kienx tal-kwalita’ pattwita;

3. konsegwentement tirrexxindi u thassar il-kompravendita tal-istess oggett konkjuz bejn il-partijiet;

4. tillikwida d-danni subiti mill-atturi b’effett tal-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut nomine kif fuq inghad;

5. tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lura lill-atturi l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) minnhom imhallsa lill-konvenut oltre l-imghaxijiet u d-danni likwidati kif inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut nomine li jibqa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-sett tal-kamra tal-banju tal-marka Segesta bl-accessorji tieghu kien tal-kwalita pattwita u ma kien fih ebda difetti latenti.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-26 ta' Jannar 1995 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. M'Angelo Refalo bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tas-6 ta' Novembru 1996 li permezz tieghu, in sostituzzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa fil-31 ta' Ottubru 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Huwa pacifiku bejn il-partijiet li fid-29 ta' Novembru 1993 l-atturi ordnaw minghand il-konvenut nomine sett tal-kamra tal-banju kif ukoll madum ghall-istess kamra kif jirrizulta mid-dokument RF10 esebit waqt access mizmum mill-perit tekniku fil-31 ta' Ottubru 1997. Huma hallsu b'kollox is-somma ta' elf liri Maltin (Lm1,000). Wara xi zmien l-atturi ndunaw li kien hareg difett fil-banju li dwaru nfurmaw lill-konvenut nomine. Meta mar jara, indikawlu wkoll xquq fil-*wash-hand basin* u fit-*toilet bowl*. Il-konvenut nomine accetta li jbiddel biss il-banju u ghalhekk saret din il-kawza mill-atturi.

M'hemm l-ebda dubju li hawn si tratta ta' negozju ta' xiri u bejgh bejn il-partijiet. Issa fit-talbiet taghhom l-atturi qeghdin jitolbu kemm dikjarazzjoni li s-sett tal-kamra tal-banju bl-accessorji tieghu kellu difetti latenti u kif ukoll dikjarazzjoni li l-istess sett ma kienx tal-kwalita` pattwita. Imbaghad jitolbu r-rexissjoni tal-kuntratt, il-likwidazzjoni tad-danni u r-rifuzjoni tal-prezz imhallas. Jigifieri l-atturi qeghdin jippruvaw jibbazaw l-azzjoni taghhom kemm fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili, kif ukoll fuq l-artikolu 1427 ta' l-istess Kodici Civili.

Issa l-artikolu 1390 jipprovdi hekk:

"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita` mwieghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti".

Fil-fehma konsiderata tal-Qorti, l-azzjoni odjerna ma tirrientrax fil-parametri ta' l-azzjoni kontemplata fl-imsemmi artikolu 1390. Dak l-artikolu fil-fatt jikkontempla l-kaz ta' oggett li ma jkunx ghadu gie konsenjat u x-xerrej jinduna qabel il-konsenja li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz odjern, invece, irrizulta li s-sett tal-kamra tal-banju gie kkonsenjat zmien konsiderevoli qabel u sahansitra kien twahhal fil-post (Ara, per ezempju, **Nadia Cassar et vs Charles Pace noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-13 ta' Marzu 1995; **Neg. Philip Falzon noe vs Neg. Emmanuele Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Dicembru 1934, Vol. XXIX.iii.51, fejn saret anke riferenza ghal gurisprudenza estera u ntqal: *"Il-Qorti ta' l-Appell ta' Milan, b'sentenza taghha tad-29 ta' Lulju 1924, in re De Dionigi vs Scali, ikkonsagrat il-principju illi 'la consegna di cosa della specie pattuita, ma di pessima qualita`, non da luogo all'actio ex contractu, ma alla redibitoria*.'"). Ghalhekk dak li l-atturi jitolbu a tenur ta' l-artikolu 1390 ma jistax jirnexxi, u senjatament it-tieni talba u r-raba' talba.

It-talbiet l-ohra huma bazati fuq l-artikolu 1427, u mill-ewwel, it-tielet u l-hames talbiet jidher li dawn huma bazati fuq l-azzjoni redibitorja.

Il-vizji gew definiti bhala *"dawk inerenti ghall-mod imperfett kif il-merci giet fabbrikata, valjata, imballata, kustodita. Il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizjata jew difettuza meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, bin-natura taghha, hija destinata, u ghalhekk vizju, jew difett, hija kull anormalita` jew imperfezzjoni u kull gwast jew avarija illi fil-haga tigi riskontrata li tnehhilha, jew tnaqqsilha l-attitudni ghall-uzu, jew il-bonta` u l-integrita`, u, kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b'mod pjenament konformi ghan-natura taghha u biex tkun vizjata irid ikun hemm xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun"* (**Giovanni Sammut vs Philip A. Grima**, Qorti tal-Kummerc, 7 ta' Ottubru 1954). Dak li minnu qeghdin jilmentaw l-atturi huma proprju vizju fis-sett tal-kamra tal-banju. Fic-citazzjoni jaghmlu riferenza specifika ghall-banju, ghall-*wash-hand basin* u ghat-*toilet bowl*.

Mill-provi migbura jirrizulta li meta saret il-konsenja ma kienx hemm evidenza ta' difetti. Il-konvenut nomine xehed li jkun sar iccekkjar mill-*production line* u gew iccekkjati qabel ma nhargu mill-istore. Inoltre l-attur ikkonferma li ccekkja l-affarijiet meta gew konsenjati. Mix-xiehda ta' l-attur jirrizulta wkoll li hu kien prezenti meta l-plumber stalla s-sett u ma saret ebda hsara b'xi daqqa; id-difetti tfaccaw xi xhur wara l-istallazzjoni.

Issa dwar il-banju m'hemm l-ebda kontestazzjoni peress li l-konvenut nomine kkonferma li huwa accetta li jbiddlu, izda li dan m'ghamlux peress li l-atturi riduh ibiddel kollox.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku jikkummenta hekk fir-rigward tal-*wash-hand basin* u t-*toilet bowl*:

"21. Il-'hair-line cracks' fil-wash-hand basin' u t-'toilet bowl' ma setghux gew ikkagunati b'xi daqqa diretta fuq fejn

jinsabu, ghax kieku, fejn intlaqtu, il-'vitreous china' kienet mhux biss tixxaqqaq f'diversi direzzjonjiet, izda wkoll ticcippja xi ftit. Infatti, id-ditta Simas, lill-konvenut nomine fil-FAX Dok. SV1, qalulu li 'hair-line crack' ma tigix necessarjament ikkagunata b'daqqa fuq fejn dehret, izda wkoll b'xi daqqa fuq naha ohra, u sostnew illi l-'hair-line cracks' in kwistjoni kienu kkagunati waqt it-tqeghid jew stallazzjoni, kif ukoll sostna l-konvenut nomine.

22. B'danakollu, fl-opinjoni tal-esponent, din l-ipotesi illi l-'hair-line cracks' gew ikkagunati b'xi daqqa waqt it-tqeghid jew stallazzjoni, m'ghandhiex tigi accettata bhala l-unika possibilita` involuta, partikolarment ghaliex m'hemmx provi ta' dan, u fil-fatt anke wara xi zmien, kultant anke xi snin, 'hair-line cracks' jistghu jfeggu jekk fil-produzzjoni t-temperatura tal-forn kienet eccediet il-limiti stabbiliti, jew ikun hemm xi difett zghir fit-'temperature gauge' tal-forn; u fit-tip tas-sett in kwistjoni l-forn intuza f'zewg stadji, l-ewwel darba meta l-items ikunu kollha bajda, u t-tieni darba meta jigi mizjud id-disinn."

Huwa b'hekk ikkonkluda li d-difetti riskontrati fit-tliet oggetti msemmija kienu effettivament difetti latenti. Konsegwentement l-atturi ghandhom dritt jitolbu r-rexissjoni tal-kompravendita u r-restituzzjoni tal-prezz. Izda l-ewwel irid jigi kkunsidrat dak li jipprovdi s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1428 tal-Kodici Civili:

"Meta zewg hwejjeg jew izjed jigu mibjughin flimkien, b'mod li l-wahda ma kinitx tinbiegh jew tinxtara minghajr l-ohra, u wahda minn dawn il-hwejjeg ikollha difett li jaghti lok ghall-azzjoni redibitorja jew ghall-azzjoni stimatorja, ix-xerrej ma jistax jinqeda bl-azzjoni redibitorja hlief ghall-hwejjeg kollha mixtrija, ghalkemm il-prezz ikun gie maghmul ghal kull haga ghaliha."

Hawn si tratta, skond ic-citazzjoni u talbiet attrici, ta' sett tal-kamra tal-banju bl-accessorji. Irrizulta indubitament li minn dan is-sett, il-banju il-*wash-hand basin* u t-*toilet bowl* kellhom difett latenti. M'hemmx dubju li sett tal-kamra tal-banju ma jikkomprendix biss dawn it-tliet oggetti izda dawk l-oggetti kollha li jinsabu elenkati fid-Dok. RF10 ga`

msemmi, salv il-madum. Dan qieghed jinghad peress li ma jirrizultax li l-madum jikkostitwixxi parti integrali tas-sett tal-kamra tal-banju tal-marka Segesta li nxtara mill-atturi minghand il-konvenut nomine. Ma jirrizultax li l-madum kien jikkostitwixxi parti integrali minn xi offerta li l-konvenut nomine kien qieghed jaghmel. L-atturi setghu liberament akkwistaw madum li kien jaqbel mas-sett li xtraw minghand il-konvenut nomine minn xi post iehor. Il-madum ma jistax jitqies b'hekk jitqies bhala parti mill-"accessorji".

Ghalhekk, filwaqt li t-tielet talba hija gustifikata in kwantu l-kompravendita tirrigwarda precizament is-sett tal-kamra tal-banju bl-accessorji kif spjegat, is-somma li ghandha tigi restitwita hija dik ta' l-istess sett bil-prezz tal-madum imnaqqas. Il-prezz tas-sett kien ta' Lm731.40 u dak tal-madum Lm360.10, total cioe` ta' Lm1091.50. Billi s-somma ta' Lm91.50 tnaqqset mill-kont biex l-atturi gew hallsu Lm1000, mill-prezz tas-sett ta' Lm731.40 jrid jintaqqas l-ammont proporzjonali ta' Lm61.31 li jhalli bilanc ta' Lm670.09. Il-konvenut nomine ghandu konsegwentement jirrifondi dan l-ammont lill-atturi.

Ghal kull bwon fini qed terga' ssir riferenza ghar-raba' talba attrici li tirrigwarda l-likwidazzjoni ta' danni subiti mill-atturi. Din it-talba ma tistax lanqas tirnexxi in kwantu tirrigwarda l-azzjoni redibitorja peress li danni huwa rizarcibbli biss fejn il-venditur kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha, Galadarba ma jirrizultax mill-provi li l-konvenut nomine b'xi mod kien jaf bid-difetti hawn fuq imsemmija, huwa obbligat biss li jrodd il-prezz u jhallas lix-xerrej l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-bejgh (dan kif jipprovdi l-artikolu 1429 tal-Kodici Civili).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad it-tieni u r-raba' talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom, tilqa' l-ewwel, it-tielet u l-hames talbiet attrici, u ghalhekk:

(1) tiddikjara li s-sett tal-kamra tal-banju tal-marka Segesta bl-accessorji tieghu, mibjugh u konsenjat mill-konvenut

nomine lill-atturi kellu difetti latenti u konsegwentement mhux tajjeb ghall-uzu,
(2) tirrexindi u thassar l-kompravendita ta' l-istess oggett konkjuz bejn il-partijiet;
(3) ttikkundanna lill-konvenut nomine jirrestitwixxi lura lill-atturi l-ammont ta' Lm670.09 minnhom imhallsa ghall-imsemmi sett u accessorji bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez dwar dawn it-tliet talbiet kontra l-konvenut nomine.

--------------------------------TMIEM--------------------------------